MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 1060/1997/1

**Frank P. Borg Limited**

**v.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:
"Peress illi s-socjeta` attrici fid-data tat-18 ta' Frar 1992, fethet kreditu permezz tal-Bank konvenut favur is-socjeta` NETCO VAKINDOGV DIS TICARET LTD. - Kreditu Nru: DC20.002.92 fis-somma ta' 41,225.00 US$ (wiehed u

erbghin elf, mitejn u hamsa u ghoxrin dollari Amerikani) rapprezentanti dina s-somma prezz ta' tuffieh li s-socjeta` attrici xtrat minghand l-imsemmija NETCO, liema dokument ta' apertura ta' kreditu qieghed jigi hawn esebit b'kopja li qeghda tigi mmarkata bhala dokument FB1.

"Peress illi l-imsemmija apertura ta' kreditu kellha marbut maghha numru ta' kundizzjonijiet fosthom kundizzjoni illi l-fattura kellha tikkontjeni dikjarazzjoni illi l-merkanzija kienet "FIRST GRADE".

"Peress illi l-imsemmija konsenja ta' tuffieh waslet Malta permezz tal-bastiment M.V. METZ LARNACA fid-9 ta' Marzu, 1992.

"Peress illi s-socjeta` attrici marret sabiex tirtira d-dokumenti relattivi ghat-titolu fil-merkanzija minghand il-Bank konvenut, u dan sabiex tkun tista' tidhol fil-pussess tal-konsenja, izda dawn id-dokumenti ma wasslux.

"Peress illi si trattava ta' merkanzija li setghet tiddetterjora biz-zmien is-socjeta` attrici bhala destinatarja tal-merkanzija fornit garanzija bankarja lin-nolleggaturi jew karikaturi sabiex tkun tista' tiehu pussess tal-merkanzija u tisdoganaha, anke jekk id-dokumenti relattivi ghat-titolu fil-merkanzija kienu ghadhom ma wasslux.

"Peress illi l-garanzija bankarja relattiva saret fid-9 ta' Marzu 1992, u giet moghtija lin-nolleggaturi jew karikaturi fl-istess gurnata, f'liema gurnata gie rtirata l-merkanzija.

"Peress illi meta nfethu l-"containers" konvenuti l-imsemmija tuffieh instab illi l-merkanzija kienet ta' kwalita` inferjuri minn dik pattwita.

"Peress illi l-attur gharraf b'dan il-fatt lill-Bank konvenut u talbu jwaqqaf il-pagament u l-Bank konvenut ipprova jaghmel dan izda wara hafna zmien avza lis-socjeta` attrici illi huwa kien kostrett ihallas anke jekk il-fattura ma kenitx tikkontjeni d-dikjarazzjoni rikjesta mis-socjeta` attrici.

"Peress illi d-dokumenti relattivi ghat-titolu fil-merkanzija waslu Malta fit-13 ta' Marzu 1992, u fost id-dokumenti kien hemm nieqes id-dikjarazzjoni li ticcertifika il-kwalita` "First Grade" tal-merkanzija.

"Peress illi l-Bank konvenut hallas il-kreditu anke jekk il-fatturi ma kenux jirrispekkjaw fedelment dak mitlub u rikjest fihom fl-apertura tal-kreditu, haga illi tmur kontra l-obbligi assunti mill-Bank konvenut fl-apertura tal-kreditu.

"Jghid ghalhekk il-bank konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

"1. tiddikjara illi l-imsemmi bank kiser il-kundizzjonijiet stipulati fl-apertura tal-kreditu numru DC 20.002.92 mahruga favur il-NETCO u li konsegwentement hallas hazin bi pregudizzju ghad-drittijiet tas-socjeta` attrici.

"2. tikkundanna l-istess Bank jirrifondi l-valur ta' l-imsemmija Apertura ta' Kreditu lis-socjeta` attrici.

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li jinsab ingunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-bank konvenut li forza taghha eccepixxa illi:
"(1) Illi l-ewwelnett trid tintalab id-debita alterazzjoni fl-isem tas-socjeta` konvenuta kull fejn jirrikorri fl-atti peress illi llum is-socjeta` konvenuta hija intestata "Bank of Valletta p.l.c."

"(2) Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija rrita u inammissibbli stante li l-premessi tac-citazzjoni kieku kienu fattwalment fondati setghu jaghtu lok biss semmai ghall-azzjoni ghad-danni *ex contractu* liema azzjoni flagrantement ma hijiex dik intentata mis-socjeta` attrici;

"(3) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, l-azzjoni attrici jekk hija bazata fuq xi rexxissjoni ta' ftehim hija wkoll inammissibbili stante li s-socjeta` attrici mhux talli hadet il-merce li taghhom qed titlob lura l-prezz imma talli bieghet l-istess merce lil terzi u dahlet il-flus mill-istess terzi;

"(4) Illi subordinatament is-socjeta` attrici ghandha tispecifika x'tip ta' azzjoni qed tintenta sabiex is-socjeta` eccipjenti tkun tista' taghmel l-eccezzjonijiet taghha fuq dik l-azzjoni;

"(5) Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju l-azzjoni attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn jekk azzjoni attrici tista' tigi konfigurata taht azzjoni ghad-danni;

"(6) Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-azzjoni attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' hames snin jekk l-azzjoni attrici hija bazata fuq xi obbligazzjoni kummercjali relattiva ghall-Apertura ta' Kreditu;

"(7) Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta` attrici kienet irrinunzjat ghad-dritt taghha li titlob li d-dokumenti jinkludu d-dikjarazzjonijiet ta' l-apertura ta' Kreditu meta tat garanzija bankjarja, u struzzjonijiet lis-socjeta` konvenuta biex tohrog "Shipping Guarantee" li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata Dok SHI u SH2 fejn il-Bank gie awtorizzat ihallas bil-kundizzjoni li "it shall not be incumbent upon the Bank to enquire whether any such amount is infact due";

"(8) Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, dak li qed titlob is-socjeta` attrici huwa improponibbli peress illi effettivament hija qed tippretendi li wara li hadet il-merce relattiva ghall-apertura tal-kreditu u bieghet l-istess merce lil Terzi, il-Bank jirrifondi lill-istess socjeta` attrici l-prezz li dik hallset originarjament ghall-merce;

"(9) Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju mhux minnu li s-socjeta` bankarja konvenuta kisret il-kundizzjonijiet stipulati fl-apertura ta' kreditu.

"Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ohra meta s-socjeta` attrici tispecifika x'inhi n-natura ta' l-azzjoni legali li tippretendi li qed tezercita b'din il-kawza."

Rat li l-ewwel eccezzjoni giet regolata b'korezzjoni li giet ordnata mill-Qorti fl-udjenza tal-5 ta' Mejju, 1998;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Mejju 2002, li in forza taghha gew michuda t-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez jithallsu mill-istess konvenut;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2005, li in forza taghha iddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"wara li tilqa’ l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili, tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi. L-ispejjeż, ħlief dawk li dwarhom ġà ngħatat deċiżjoni fis-sentenza tas-17 ta’ Mejju 2002, jinqasmu hekk: l-ispejjeż tal-ħames (5), is-seba’ (7), it-tmien (8) u d-disa’ (9) eċċezzjonijiet iħallashom il-bank konvenut; l-ispejjeż l-oħra tħallashom is-soċjetà attriċi."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

"Is-soċjetà attriċi ordnat xi tuffigħ minn barra minn Malta u kisbet il-ħruġ ta’ *letter of credit*[1] mill-bank konvenut favur il-bejjigħ barrani. Il-bank kellu jħallas lill-bejjigħ basta jintwerew lilu xi dokumenti, fosthom “*certificates of origin covering a current shipment of about 100 m/Tons Red Starking Delicious First Grade*”.

"Ġara illi, meta l-merkanzija waslet Malta, ma waslux magħha d-dokumenti meħtieġa. Billi iżda t-tuffigħ seta’ jeħżien jekk jitħalla sakemm jaslu d-dokumenti, l-attriċi kisbet il-ħruġ ta’ garanzija bankarja favur l-bejjigħ mingħand il-konvenut biex, bis-saħħa tal-garanzija, tkun tista’ tieħu l-merkanzija. Meta ħadet il-merkanzija, setgħet tara illi t-tuffigħ ma kienx ta’ kwalità tajba daqskemm ried il-ftehim mal-bejjigħ barrani. L-attriċi għalhekk qalet lill-konvenut biex ma jħallasx lill-bejjigħ, iżda l-bejjigħ xorta tħallas mingħand il-korrispondent tal-bank konvenut, u l-

[1] *Fol.* 6.

bank konvenut, wara li l-korrispondent tiegħu tħallas mingħandu, tħallas hu minn flus oħra li kellu ta' l-attriċi. Meta mbagħad waslu d-dokumenti l-attriċi setgħet tara illi ma kienx hemm fosthom ċertifikat li jgħid illi t-tuffigħ kien "*first grade*".

"Billi dehrilha illi l-bank ma kellux iħallas fin-nuqqas ta' dak iċ-ċertifikat, l-attriċi sejħitlu biex iroddilha flusha. Il-bank ma riedx u għalhekk saret din il-kawża.

"Kif imfisser fis-sentenza tas-17 ta' Mejju 2002, meta saret l-ordni għat-tuffigħ mill-attriċi lill-bejjigħ barrani, u saret l-apertura ta' kreditu mal-bank bil-ħruġ ta' *letter of credit* favur il-bejjigħ, inħolqu tliet relazzjonijiet:

"a. ir-relazzjoni bejn l-attriċi u *Netco Vakindogv Dis Ticaret Ltd*, li hija relazzjoni ta' bejjigħ u xerrej;

"b. ir-relazzjoni bejn l-attriċi u l-bank konvenut, li hija l-meritu tal-kawża tallum; u

"c. ir-relazzjoni bejn il-bank u *Netco*, li hija rabta tal-bank illi jħallas lil *Netco* jekk jintwerewlu d-dokumenti meħtieġa.

"Il-kawża tallum toħroġ mir-relazzjoni bejn l-attriċi u l-bank. Din ir-relazzjoni toħloq dawn l-obbligazzjonijiet u drittijiet:

- l-obbligazzjoni tal-bank illi jobdi l-istruzzjonijiet mogħtija mill-attriċi billi f'isimha jħallas il-prezz tal-merkanzija lill-bejjigħ jekk, u biss jekk, il-bejjigħ jippreżentalu d-dokumenti speċifikati fl-istruzzjonijiet ta' l-attriċi; u

- l-obbligazzjoni ta' l-attriċi illi trodd lill-bank dak li jkun ħallas f'isimha u tħallsu l-premju jekk il-bank ikun mexa skond l-istruzzjonijiet tagħha.

"L-attriċi qiegħda tgħid illi l-bank ma ħarisx l-obbligazzjoni tiegħu għax ħallas bla ma qabel ġabar id-dokumenti skond l-istruzzjonijiet li tatu l-attriċi. Għalhekk qiegħda

tgħid illi ma jistħoqqlux il-ħlas u għandu jrodd dak li ħa bħala ħlas.

"Rajna iżda illi, barra mir-relazzjoni li nħolqot bejn is-soċjetà attriċi u l-bank konvenut meta l-bank fetaħ kreditu favur il-bejjigħ, inħolqot relazzjoni oħra, wara, meta l-bank fuq talba ta' l-attriċi ħareġ garanzija favur il-bejjigħ. Il-bank konvenut qiegħed igħid illi r-relazzjoni li nħolqot bil-ħruġ tal-garanzija ħadet post ir-relazzjoni li kienet inħolqot qabel bl-apertura tal-kreditu, u dak li rridu naraw għalhekk huwa jekk il-bank ħarisx il-kondizzjonijiet biex iħallas taħt il-garanzija u mhux il-kondizzjonijiet biex iħallas taħt l-apertura ta' kreditu.

"Il-ftehim bejn l-attriċi u l-konvenut għall-ħruġ tal-garanzija[2] jgħid illi l-bank intrabat li jħallas lill-bejjigħ "*in consideration of their delivering to the Customer* [is-soċjeta attriċi] *without the production of the relative Bill of Lading and/or other shipping documents relating to the goods … … …*" u l-ftehim ikompli jgħid illi "*any request made upon the Bank by or on behalf of Norasia Agencies Malta Ltd* [l-aġenti tal-bejjigħ] *for payment of any sum shall be sufficient authority to the Bank for making such payment, and that it shall not be incumbent upon the bank to enquire whether any such amount is in fact due*".

"Il-bank konvenut għalhekk igħid illi, taħt il-kondizzjonijiet miftiehma bejnu u s-soċjetà attriċi għall-ħruġ tal-garanzija, hu kien meħlus minn kull obbligazzjoni li jara "*whether any such amount is in fact due*", u għalhekk ma kellux għalfejn jara jekk id-dokumenti kienux jaqblu ma' dak li kien meħtieġ biex isir il-ħlas taħt il-*letter of credit*.

"Dan l-argument tal-bank kien ikun tajjeb, u kien jeħilsu minn kull responsabbiltà, li kieku l-ħlas sar taħt il-garanzija. Mill-provi ħareġ, iżda, illi l-ħlas ma sarx taħt il-garanzija iżda taħt il-*letter of credit*. Il-bejjigħ barrani baqa' ma nqediex bil-garanzija u qatt ma talab ħlas taħtha. Fil-fatt għalkemm il-ħlas sar f'Marzu ta' l-1992, il-garanzija baqgħet pendenti sakemm, b'ittra tat-8 t'April

---

2 *Fol.* 14.

1996[3], l-aġent tal-bejjigħ barrani ta l-kunsens biex il-garanzija titħassar. Naturalment, li kieku l-ħlas kien sar taħt il-garanzija, il-garanzija ma kinitx tibqa' pendenti għal erba' snin, għax il-kreditur tal-garanzija ma jistax iżommha ħajja wara li jkun ġà tħallas taħtha, bħallikieku biex jitħallas darbtejn. Li qatt ma sar użu mill-garanzija jikkonfermah ukoll Joseph Hollier, uffiċjali tal-bank, meta fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2003 xehed illi l-garanzija ma reġgħetx ġiet f'idejn il-bank[4].

"Ladarba l-ħlas ma sarx taħt il-garanzija, l-argumenti kollha tal-bank konvenut mibnija fuq il-kondizzjonijiet tal-garanzija ma humiex relevanti għall-għanijiet tal-kawża.

"Il-ħlas fil-fatt sar taħt il-*letter of credit*. Il-bank korrispondent tal-konvenut bagħat igħarraf lill-konvenut, b'*telex* tas-6 ta' Marzu 1992[5], illi "*today we have negotiated the documents as per your l/c* [*letter of credit*] *… … …*
*"Therefore for the value of documents being USD 41,432.58 we will* [*sc. be*] *reimbursing ourselves … … … to the debit of your account*". Imbagħad, għalkemm, kif xehed Julian Holland, uffiċjal ieħor tal-bank, fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2003, il-bank kien jaf illi d-dokumenti ma kinux jaqblu ma dak li kien meħtieġ taħt il-kondizzjonijiet tal-*letter of credit*[6], xorta ħa l-flus ta' l-attriċi: "iddebitajnieh għax ġejna iddebitati"

"Il-bank konvenut ma huwiex qiegħed jikkontesta illi, ladarba d-dokumenti ma kinux jaqblu, ma kienx imissu jħallas taħt il-*letter of credit*, u, jekk il-ħlas sar taħt il-*letter of credit*, mela sar ħażin. Dan il-bank jistqarru fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu: "… … … li kieku ma kienx hemm il-ħruġ ta' *shipping guarantee* il-pożizzjoni kienet tieqaf hemm u jekk jirriżulta illi hemm xi diskrepanza dan kien jintitola lis-soċjetà attriċi illi ma tħallasx"[7]. Rajna wkoll illi,

[3] *Fol.* 90.

[4] *Fol.* 130.

[5] *Fol.* 87.

[6] *Fol.* 121.

[7] *Fol.* 171.

għall-għanijiet tal-kawża tallum, il-garanzija ma hijiex relevanti għax ma sar ebda użu minnha.

"Il-konklużjoni għalhekk hi illi l-bank konvenut ħallas ħażin u għalhekk ma għandux jedd jitħallas mingħand is-soċjetà attriċi billi *inadimplenti non est adimplendum.* Id-disa' eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

"Il-bank konvenut qiegħed igħid ukoll illi, ladarba s-soċjetà attriċi, minkejja d-diskrepanza fid-dokumenti, irtirat il-merkanzija u biegħet dak li setgħet minnha, issa ma tistax tirrifjuta li tħallas lill-bank.

"Dan l-argument tal-konvenut kien ikollu meritu li kieku l-merkanzija kienet fi stat tajjeb, minkejja d-diskrepanza fid-dokumenti, u s-soċjetà attriċi setgħet tinqeda biha fin-negozju tagħha. Il-merkanzija, iżda, kienet ta' kwalità inferjuri u l-attriċi, għalkemm biegħet dak li setgħet minnha, għamlet telf.

"Bil-fatt illi rtirat il-merkanzija u biegħet dak li setgħet minnha l-attriċi kienet qiegħda biss tħares l-obbligu tagħha li tnaqqas kemm tista' l-ħsara u t-telf u, talli wettqet dan l-obbligu, ċertament ma għandhiex tkun penalizzata billi titlef il-jeddijiet tagħha kontra l-bank konvenut talli ħallas ħażin! Huwa argument assurd u anti-ġuridiku li tgħid, bħal ma qiegħed jagħmel il-bank konvenut, illi biex iżżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħek għandek tkabbar il-ħsara u t-telf!

"Naturalment, jekk, bil-bejgħ tal-parti mill-merkanzija li setgħet tinbigħ, l-attriċi ħadet xi benefiċċju, hi ma għandhiex tistagħna bit-telf tal-bank, iżda kontra dik il-possibbiltà l-bank għandu r-rimedju ta' l-*actio de in rem verso*, għalkemm ma għażilx li jinqeda bih b'rikonvenzjoni f'dawn il-proċeduri.

"It-tmien eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni.

"Il-preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma tgħoddx għall-każ tallum. Dik il-preskrizzjoni tolqot azzjonijiet għal

danni *ex delicto vel quasi* waqt illi r-relazzjoni bejn il-partijiet fil-kawża tallum hija *ex contractu*.

"Il-ħames eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

"Is-sitt eċċezzjoni hija mibnija fuq l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili:

"**2156.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:

"(*f*) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."

"Din hija preskrizzjoni residwali li tolqot l-azzjonijiet kollha li ma jintlaqtux bi preskrizzjoni aqsar, u tolqot il-każ tallum għax il-kreditu li l-attriċi qiegħda titlob il-ħlas tiegħu huwa ġej minn operazzjoni kummerċjali. Il-fatt illi l-azzjoni tintlaqat ukoll, bħal ma jintlaqtu l-azzjonijiet kollha, bil-preskrizzjoni ta' tletin sena taħt l-art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili, kif tgħid l-attriċi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha[8], ma jfissirx illi ma tintlaqatx bl-art. 2156(*f*) għax dak il-paragrafu ma jgħoddx biss (a) fejn l-azzjoni tintlaqat bi preskrizzjoni *aqsar*, mhux itwal, u (b) fejn il-kreditu jirriżulta minn att pubbliku, li ma huwiex il-każ.

"L-attriċi qiegħda titlob illi l-bank iroddilha flus li ħadilha bla ma kellu jedd għalihom. Il-flus ta' l-attriċi ttieħdu mill-konvenut fit-13 ta' Marzu 1992[9], u l-kawża nfetħet fit-13 ta' Mejju 1997, aktar minn ħames snin wara. L-attriċi ma ressqet ebda prova illi b'xi mod kisret il-preskrizzjoni.

"L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili hija għalhekk milqugħa."

8 *Fol.* 165.

9 *Fol.* 82.

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` attrici li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti:
"sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tal-1 ta' Marzu 2005, billi thassarha u tirrevoka kwantu li din laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici bl-ispejjez kwantu ghal din l-eccezzjoni kontra s-socjeta` attrici appellanti u filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156(f) u tikkonferma c-cahda ta' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-bank konvenut appellata bl-ispejjez kontra l-istess bank konvenut u dan kif deciz fl-imsemmija sentenza ta' l-ewwel (1) ta' Marzu 2005, tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici appellanti b'dan li l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jigu sopportati mill-bank konvenut."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-bank konvenut li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab ic-cahda ta' l-appell tas-socjeta` attrici u li din il-Qorti joghgobha:
"tirriforma s-sentenza appellata ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, tal-1 ta' Marzu 2005, fl-ismijiet premessi, billi Thassarha u Tirrevokaha inkwantu din cahdet is-seba' (7) u tmien (8) eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u minflok tilqa' l-imsemmija zewg eccezzjonijiet u tiddikjara illi l-attrici rrinunzjat ghad-drittijiet taghha taht l-apertura ta' kreditu meta taghti garanzija bankarja u meta rtirat u bieghet il-merkanzija, kif ukoll Tikkonfermaha fil-kumplament u ghalhekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez ta' zewg istanzi kontra l-istess socjeta` attrici."

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluza r-risposta ghall-appell incidentali, u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li wasslu ghal din il-kawza huma ben esposti fil-parti preliminari tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-1 ta’ Marzu 2005. Wara dik is-sentenza, is-socjeta` attrici appellat kontra l-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-bank konvenut. Ghalkemm il-

bank konvenut, in vista ta' dan l-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ma giex ikkundannat fis-sentenza, peress li s-seba' u t-tmien eccezzjoni tieghu gew michuda, hu gie ordnat ihallas l-ispejjez tal-kawza in relazzjoni ma' dawn l-eccezzjonijiet; il-bank qieghed, ghalhekk, jitlob li dawn l-eccezzjonijiet tieghu jigu wkoll akkolti u, b'hekk, jigi mehlus milli jhallas l-ispejjez relattivi. Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra li gew michuda wkoll mill-ewwel Qorti, u l-bank ordnat ihallas l-ispejjez relattivi, il-bank konvenut ma ressaqx appell.

Din il-Qorti sejra titratta, fl-ewwel lok, l-appell principali mressaq mis-socjeta` attrici. Il-bank konvenut kien eccepixxa illi l-azzjoni attrici kienet preksritta a bazi ta' l-Artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili. L-ewwel Qorti kienet cahdet l-applikazzjoni tal-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2153, pero`, kienet accettat l-applikazzjoni ghall-kaz ta' l-Artikolu 2156(f), u wara li qieset it-termini relevanti u opportuni, cahdet it-talba tas-socjeta` attrici peress li qisitha preskritta.

Is-socjeta` attrici appellat minn din id-decizjoni, bl-aggravju jkun li l-ewwel Qorti zbaljat meta qieset dan l-artikolu applikabbli ghall-kaz.

Is-socjeta` attrici tistrieh l-aktar fuq is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Jannar 1919, fil-kawza fl-ismijiet **Spiteri v. Petrococchino** kwotata b'approvazzjoni minn din il-Qorti fil-kawza **Buttigieg et v. Caruana**, deciza fl-14 ta' Frar, 1955. F'din l-ahhar imsemmija kawza, din il-Qorti, b'riferenza ghall-Artikolu 2261(f), (illum art. 2156(f)) kienet osservat li dan l-artikolu jirreferi ghall-"hlas ta' kreditu" u mhux ghall-obbligazzjoni *di fare* (f'dak il-kaz, konsenja ta' karettun); kompliet ticcara li azzjoni tista' tkun "effett" ta' obbligazzjoni, pero`, jekk ma tkunx ghal "*sodisfazione di un credito*", dak l-artikolu mhux applikabbli. Is-socjeta` attrici tallega li l-azzjoni taghha mhux wahda ghall-hlas ta' kreditu, izda biex jigu protetti d-drittijiet taghha kwantu ghall-hlas li l-bank konvenut ghamel indebitament f'isimha.

Din il-Qorti tosserva, in principju, li l-Artikoli 2156(f) tal-Kodici Civili iwaqqa' bi preskrizzjoni ta' hames snin l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu li (i) gej minn operazzjonijiet kummercjali, jew (ii) minn hwejjeg ohra. Il-gurisprudenza kwotata mis-socjeta` appellanti hija intiza bhala interpretazzjoni tal-frazi "hwejjeg ohra", bl-insenjament ikun li dik il-frazi ghandha tigi interpretata in bazi ghar-regola ta' "*ejusdem generis*" in korrelazzjoni max-xorta ta' krediti msemmija fl-inciz precedenti ta' l-istess artikolu. F'dan il-kaz, l-argument tal-bank konvenut ma hux li l-azzjoni attrici hija azzjoni ghall-hlas ta' kull kreditu li gej "minn hwejjeg ohra", izda li l-azzjoni hi wahda ghal hlas ta' kreditu gej minn operazzjoni kummercjali.

M'hemmx dubju li l-ftuh ta' *letter of credit* ma' bank kummercjali hija operazzjoni kummercjali, specjalment meta t-talba ghal din l-operazzjoni tkun saret minn socjeta` kummercjali fil-kors tan-negozju taghha, kif gara mis-socjeta` attrici f'dan il-kaz. Issa, jekk bank ihallas "hazin" taht dik il-*letter of credit*, hu jkun qed jesponi ruhu ghad-danni rizultat ta' l-operazzjoni ta' dak in-negozju kummercjali, u t-talba ghad-danni jew ghar-rifuzjoni tal-flus imhallsa indebitament, hija talba li tikkonverti ruhha, jekk tintlaqa', fi kreditu derivanti minn operazzjoni kummercjali. Kreditu rizultat ta' operazzjoni kummercjali ma jitwelidx biss mill-esekuzzjoni korretta tan-negozju kummercjali in kwistjoni, imma wkoll minn agir "hazin" ta' dak in-negozju li jista' jaghti lok ghad-danni; fiz-zewg kazi hemm kreditu derivanti minn operazzjoni kummercjali. Il-kolpa kontrattwali, dik allegata mis-socjeta` attrici f'dan il-kaz, hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' obbligazzjoni rizultanti minn kuntratt, u tali azzjoni, sakemm il-kuntratt ma jkunx wiehed pubbliku, hija soggetta ghall-preskrizzjoni ta' hames snin. Il-fatt allegat a karigu tal-bank konvenut jigi direttament mill-mod ta' ezekuzzjoni ta' l-impenji tieghu mal-hrug tal-*letter of credit*. L-allegata vjolazzjoni ta' l-obbligu assunt biex ihallas jekk il-merkanzija tkun "first grade" hija parti intima u sostanzjali tal-kuntratt. Il-gurisprudenza hi konformi li azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni hija dik ta' hames snin – ara "**Improved Design Ltd. v Gialanze**",

deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Mejju, 2005; "**Corinthia Palace Hotel Ltd v. Grima**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Novembru 2003, "**Ellul Sullivan noe v. Tabone Noe**", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Ottubru, 2005, u "**Barbara v. Onorevoli Prim Ministru et**", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 1997, fejn intqal li dan l-artikolu japplika ghal kreditu ta' flus jew li jkollu l-istess natura bhal flus.

Din il-kawza, jghidu x'jghidu l-appellanti, hi wahda ta' flus, u t-talba hija ghar-rifuzjoni ta' flus allegatament imhallsa bi ksur tal-kondizzjonijiet stipulati fl-apertura tal-kreditu. Tali azzjoni hi preskrivibbli skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, u darba dan it-terminu skada, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Kwindi l-appell principali tas-socjeta` attrici appellanti qed jigi michud.

Il-bank konvenut qed jappella incidentalment kontra c-cahda mill-ewwel Qorti tas-seba' u t-tmien eccezzjoni tieghu.

Bis-seba' eccezzjoni tieghu, il-bank konvenut eccepixxa li, wara l-ftuh tal-*letter of credit*, peress li s-socjeta` attrici riedet tirtira l-merkanzija "on request", bil-kundizzjoni illi "it shall not be incumbent upon the bank to enquire whether any such amount is in fact due". B'hekk skond il-bank konvenut, is-socjeta` attrici irrinunzjat ghad-dritt taghha li tesigi illi l-hlas isir biss jekk it-termini tal-*letter of credit* jigu osservati strettament. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni wara li qieset li, bhala fatt, il-bank m'ghamilx hlas taht il-garanzija izda taht il-*letter of credit*.

Hawnhekk, din il-Qorti taqbel ma' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Joseph Hollier, ufficjal tal-bank konvenut, fil-fatt xehed li l-ftuh tal-*letter of credit* u l-ghoti tal-garanzija kienu zewg *transactions* differenti, il-*letter of credit transaction* ghaliha u l-garanzija *transaction* ghaliha. Wahda ma "qatlitx" lill-ohra u allura ma sehhitx in-novazzjoni li l-bank konvenut qed issa jallega li sehhet.

Meta sar il-hlas lill-bejjiegh barrani, dan sar a bazi tad-dokumenti li ntbaghtu minn barra u li kienu mehtiega taht in-negozju tal-ftuh tal-*letter of credit*, u mhux ghax saret talba semplici taht il-garanzija. Fil-fatt, l-istess Hollier spjega li wara li sar il-hlas barra minn Malta, il-garanzija xorta baqghet "valida", ghax din, biex tithassar, trid tintuza bhala bazi ghat-talba tal-hlas. Din il-garanzija fil-fatt, baqghet "valida" sa ma thassret f'April tal-1996, zmien wara li kien sar il-hlas mill-bank.

L-aggravju tal-bank kontra c-cahda tas-seba' eccezzjoni tieghu qed jigi, ghalhekk, michud.

Bit-tmien eccezzjoni tieghu, il-bank konvenut eccepixxa illi f'kull kaz, la darba s-socjeta` attrici irtirat il-merkanzija u bieghetha, it-talbiet taghha ma jistghux jintlaqghu. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni peress li l-merkanzija kienet ta' kwalita` inferjuri u l-attrici, ghalkemm bieghet dak li setghet minnha, ghamlet telf.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti fuq dan il-punt. Gie diversi drabi stabbilit mill-qrati taghna li kompratur li jixtri oggett li wara jiskopri li kien bil-hsara jew difettuz, ma jistax, filwaqt li jibqa' jzomm il-haga, jirrifjuta li jhallas il-prezz meta jigi mitlub jaghmel dan. Kompratur li jinghata konsenja ta' haga mhux tal-kwalita` miftehema jew bi hsara ghandu diversi rimedji miftuha ghalih, inkluz li jhassar il-bejgh jew jitlob tnaqqis fil-prezz, pero`, irid jagixxi biex jirreklama d-drittijiet tieghu, u ma jistax jibqa' jzomm l-oggett u jqajjem il-kwistjoni tal-kwalita` inferjuri jew hsara biss wara li jigi azzjonat ghall-hlas.

Din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Attard v. Direttur ta' l-Edukazzjoni**", deciza fl-4 ta' Novembru, 1992, qalet li kompratur li jibqa' jzomm l-oggett wara li jinduna li l-istess oggett kien bil-hsara, irid xorta wahda jhallas il-prezz <u>kollu</u> ta' dak l-oggett. Dan il-principju gie enuncjat f'diversi kawzi ohra, fosthom **Borg v. Xuereb** deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 1989, u **Schembri v. Abela** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Lulju, 2000. Din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Micallef v. Sullivan**, deciza fit-22 ta' Novembru, 2002, osservat li jekk ix-xerrej

izomm l-oggett avolja ma jkunx tal-kwalita` pattwita, u jecepixxi l-kwistjoni biss meta jigi mitlub il-hlas, huwa jitlef kull dritt li seta' kellu. Din il-Qorti fil-kawza **Busietta v. Borg Cardona**, deciza fis-6 ta' Ottubru, 2000, kienet osservat illi li wiehed izomm ghandu l-oggett *in vendita* mhux agir konsistenti ma' azzjoni intiza biex thassar dan il-bejgh. Fil-kawza **Briffa et v. Roger Satariano and Sons Ltd**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Gunju, 1997, intqal li f'kaz ta' hsara jew difett f'oggett mibjugh, "*ix-xerrej ma jistax kapriccozament jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu, iwarrab id-drittijiet specifikatament moghtija lilu bil-ligi, u minghajr ma juza r-rimedji preskritti, jaghzel li jzomm il-merkanzija, ghalkemm din tkun difettuza, u wara jirreklama d-danni*".

Xerrej jista', jekk irid izomm l-oggetti mibjugha lilu, jitlob tnaqqis fil-prezz pattwit minhabba d-difetti, izda ma jistax izomm l-oggetti u jghid li ghax huma difettuzi, ma jridx ihallas ghalihom, kif qed taghmel is-socjeta` attrici f'din il-kawza (ara **Gauci Borda v. Buhagiar**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Gunju, 1992).

L-istess principju huwa stabbilit anke f'kaz ta' difetti latenti. L-*actio. redhibitoria* li twassal ghat-thassir tan-negozju, dak li donnu xtaqet is-socjeta` attrici, ma tistax tintlaqa' jekk ix-xerrej ikun zamm ghandu l-oggett (**Vella v. Mifsud** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Novembru, 1990). Filwaqt li l-azzjoni *aestimatoria* tista' ssir bl-oggett jibqa' f'idejn ix-xerrej, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Grech v. Abela**, deciza fil-5 ta' Marzu, 1999, iz-zewg azzjonijiet imsemmija jridu jsiru fiz-zmien li tistabbilixxi l-ligi bhala citazzjoni partikolari bit-talba relattiva, u ma jistghux jitqajjmu bhala eccezzjoni meta bejjiegh ikun wasal li jitlob il-hlas minghand ix-xerrej (ara wkoll **Dalli v. Patiniott** deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju, 2000).

Ghalhekk, f'dan il-kaz, is-socjeta` attrici, meta ddecidiet li zzomm l-merkanzija ordnata, bid-difetti b'kollox, u anzi tbieghu fis-suq, hi tkun ippregudikat irremedjalment d-drittijiet taghha li ma thallasx ghal dik il-merkanzija.

Inoltre, meta s-socjeta` attrici irtirat il-merkanzija, u bieghet l-istess fis-suq, ippregudikat il-kaz taghha anke taht il-*letter of credit* li fethet mal-bank konvenut. F'kaz ta' hrug ta' *Letters of Credit* il-Bank, normalment, ihallas fuq prezentazzjoni ta' dokumenti u mhux interessat fin-negozju li wassal ghall-hrug ta' dik il-garanzija. Fil-ktieb "*Payment Obligations in Commercial and Financial Transactions*" ta' Professur R. M. Goode_(Sweet & Maxwell Edit. 1983) jinghad f'pagna 48, li "*A bank issuing or confirming a letter of credit commits itself to payment on due presentation of the specified shipping documents and is not concerned with the underlying contract of sale or its performance.....The courts have repeatedly held that in the absence of fraud or illegality the bank must pay against a conforming tender even if the seller has broken his contract by shipping goods that are defective, not in accordance with the contract description or deficient in quantity*."

Id-dokumenti, pero`, jridu jkunu "*conforming*", u jekk ikun hemm certi deskrepanzi importanti, il-bank jista' ma jhallasx.

Issa, f'dan il-kaz, meta l-bank ircieva d-dokumenti minn barra, ma kienx hemm dokument li jghid li t-tuffiegh kienu "first grade", kif kienet tesigi kondizzjoni marbuta mal-ftuh tal-*letter of credit*. Pero`, peress li s-socjeta` attrici kienet gia` irtirat il-merkanzija, f'kaz li l-bank ma jhallasx il-bejjiegh barrani ma kienx f'posizzjoni jivverifika l-kwalita` tal-merkanzija. Jekk importatur jikkontesta l-verifikazzjoni tal-kondizzjonijiet marbuta mal-ftuh tal-*letter of credit*, irid ihalli lill-parti l-ohra fil-possibilita` li tikkontesta dik l-allegazzjoni, u ghalhekk il-htiega li, f'kaz ta' ilment dwar il-kwalita` tal-merkanzija, din jew m'ghandhiex tigi irtirata jew, jekk id-difett jigi riskontrat wara l-irtirar, l-istess tigi ezaminata minn persuna professjonali u depozitata b'mod li ma tkomplix tithassar. Kien fid-dawl ta' dan li din il-Qorti, fil-kawza **Whicker v. Caruana**, deciza fit-8 ta' Frar, 1957, osservat illi:
"*Inoltre* l-interpretazzjoni tal-bank hija kawtelata bil-garanzija reali derivanti mill-pussess tat-titoli u tad-dokumenti relattivi, liema garanzija tisfa fix-xejn

nonostante li l-bank ikollu f'idejh it-titoli u dokumenti tal-merkanzija jekk b'xi mod, tajjeb jew hazin, il-kompratur jottjeni l-pussess tal-merkanzija minghajr dawk it-titoli u d-dokumenti. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet tohrog ir-regola illi jekk il-kumpratur ikun gie fil-pussess tal-merkanzija huwa ma jkunx jista' jirrifjuta li jirrimborsa lill-bank il-prezz li dan ikun hallas." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dan l-aggravju tal-bank attur, ghalhekk, jimmerita li jkun milqugh.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali mressaq mis-socjeta` attrici billi tichad l-istess, bl-ispejjez relattivi kontra taghha. Tiddisponi mill-appell incidentali mressaq mill-bank konvenut billi tilqghu biss in parte, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha f'kollox hlief fejn ordnat li l-ispejjez tat-tmien (8) eccezzjoni ihallashom il-bank konvenut, u tordna li anke l-ispejjez marbuta ma' din l-eccezzjoni ghadhom jithallsu mis-socjeta` attrici. L-ispejjez ta' din l-istanza relatati ma' l-appell incidentali jithallsu nofs kull wiehed mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------